Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 209 :: OTTUBRU 2013

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## TLIFNA MEMBRU... TLIFNA ĦABIB... TLIFNA POETA



Nhar l-Erbgħa, 18 ta' Settembru, ħasditna l-aħbar tal-mewt tal-membru u ħabib tagħna, il-poeta Malti-Awstraljan, Joe Saliba. L-aħbar waslet għandi permezz ta' *email* mingħand il-mara tiegħu, Sylvia. Jien wassalt l-aħbar lill-membri tal-GLM. Imma m'għaddiex ħin wisq li ma bdewx jaslu *emails* minn Malta, waħda minnhom mingħand il-ħabiba tagħna, Amanda Busuttil li kienet tikkorrespondi sikwiet ma' Joe u kien ħabib kbir tagħha speċjalment fil-qasam letterarju. Hija bagħtet artiklu qasir fuq Joe li se nġibu d'din il-ħarġa. Joe kien poeta magħruf mhux biss fl-Awstralja, imma f'Malta u f'ħafna bnadi oħra tad-dinja. Din se tkun telfa kbira għalina. Fil-Programm Mużiko-Letterarju li kellna fit-22 ta' Settembru kellna segment qasir fuqu wara li osservajna minuta silenzju b'rispett tal-memorja tiegħu. Joe Saliba twieled Birkirkara fis-26 ta' Jannar, 1941. Wara li studja fl-iskola primarja tal-istess raħal u fil-Liċeo, huwa emigra mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja. Huwa ħadem bħala skrivan mal-*Commonwealth Serum Laboratories Commission* f'Melbourne. F'isem il-President, il-kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, noffru l-kondoljanzi tagħna lil martu, Sylvia, u l-familja kollha. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

## Tislija lill-ħabib tiegħi poeta Joe Saliba tal-Awstralja

B'xorti ħażina miet il-poeta ħabib kbir tiegħi Joe Saliba, Malti minn B'Kara li kien jgħix l-Awstralja. L-aħbar li tatni martu Sylvia ħasditni bil-kbir, kif ħasdet lilhom ilkoll. Ta' Joe Saliba għandi memorji bil-wisq sbieħ u ittri li tassew nibqa' ngħożż. Joe kien strument importanti immens fil-ħajja tiegħi, mhux biss kien dejjem iħeġġiġni sabiex nibqa' nikteb, imma talli dejjem nafu jagħmilli kritika kostruttiva għal kull kitba li nibgħatlu. F' Jannar li għadda, kont bgħattlu l-ktieb 'Il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo' miktub mis-Sur Marcel Zammit Marmara` rispettivament. Vassallo kien il-'mentor' tiegħu u Joe Saliba baqa' jħobbu sal-aħħar ta' ħajtu lil dan il-poeta, tant li tista' tgħid li vrusu kienu mnebbħin ħafna minn temi li kiteb fuqhom Vassallo kif ukoll issib qrubija kbira fit-teknika tiegħu. Meta hu u martu Sylvia ġew Malta u ltqajt magħhom, attendejna għal bosta serati letterarji flimkien, li Joe baqa' jiftakar. Joe kiteb: Ilħna tar-Rebbiegħa, Ferħ, Biki u Poeżija, Alwettiera, Uluru, Santwarju u bosta xogħol ieħor li bih ta kontribut tant siewi għal-Letteratura. Joe baqa' għalliem sal-aħħar u poeta li qatt ma abbanduna l-Poeżija. Ftit qabel ma saħħtu bdiet tnin, kien bagħatli l-poeżija tant sabiħa li kiteb fil-jiem li qatta' l-isptar. Insellmulek Joe, ma ninsewkx żgur għax inti tibqa' preżenti fostna bil-kitba tiegħek.

***Amanda Busuttil, Malta, 2013***

## IL-LAQGĦA T'AWWISSU

Il-laqgħa t'Awwissu tal-Grupp tagħna nżammet nhar il-Ġimgħa, 30 tax-xahar. Kellna attendenza mhux ħażin. Preżenti kien hemm Dr Victor Sammut, Rosemary Attard, Charles Attard, Paul Vella, Salvina Vella, Joe Camilleri, Ray Anastasi, Joe Bonett u Michael Xuereb. Apoloġiji waslu minghand Fr Dom Degiorgio, Frank Bonett, Marie-Louise Anastasi u Maria u Armando Catania. Naturalment kellna apoloġiji wkoll minghand Rose u Joe Lofaro li kienu fuq btala fi Queensland.

Sar qari minn xi membri: Joe Camilleri qralna xi proża tiegħu, "Kemm hu sabiħ il-wied", "Kemm nixtieq li tgħallimt aktar skola", "Kif qabdu ma' Franġisk" u "Marta u Neriku rebħu l-ewwel premju tal-lotterija". Joe Bonett qralna l-poeżija tiegħu, "Kemm nixtieq niċkien". Dr Victor Sammut qralna xi poeżiji tal-mibki u qatt minsi membru tagħna Manwel Nicholas-Borg, "Mara ġo kull raġel", "Lil Manwel Cassar" u "Barrani f'art twelidu".

Wara l-qari kulħadd ħa kikkra te jew kafe` u xi gallettini. Hawn ġew jingħaqdu magħna Fr Emmanuel Adami u Fr Dr Victor Shields, it-tnejn tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl. Fr Dr Shields kien hawn fostna fuq żjara minn Malta.



## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju inżamm nhar il-Ħadd, 22 ta' Settembru fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Kellna attendenza mhux ħażin u kollox mar sewwa avolja kien hemm xi ftit qari żejjed aktar milli kien ippjanat. Grazzi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom biex dan il-programm kien is-suċċess li kien. Grazzi lil Ray u Marie Louise Anastasi li ħadu ħsieb il-preparazzjoni tal-ktieb bil-qari kollu, lil Dr Clemente Zammit għal qari tal-provi u lil dawk li ħadu ħsieb jippreparraw l-ikel għal wara l-programm.

# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU 2013 KIEN SUĊĊESS


Ray Anastasi


Dr Victor Sammut


Manwel Cassar


Maria Catania


Marie-Louise Anastasi


Rigu Bovingdon

**Wieħed mill-iktar attivitajiet prinċipali tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, bla dubju ta' xejn hu l-Programm Mużiko-Letterarju li l-membri jorganizzaw kull sena fis-Sala taċ-Ċentru Malti tal-Victoria, Parkville. Din is-sena inżamm nhar il-Ħadd, 22 ta' Settembru, fis-2 pm. Madwar 60 membru tal-komunita` Maltija attendew għal dan il-programm.**

Fost dawk preżenti kien hemm Fr Dr Victor Shields, MSSP, li dak iż-żmien kien jinsab fuq btala f'Melbourne; Fr Emmanuel Adami, MSSP; Il-President tal-MCCV, Prof. Maurice Cauchi; il-Viċi-President tal-MCCV, is-Sur Gejtu Deguara u s-Sinjura tiegħu, Mary Deguara; kif ukoll il-lingwist minn NSW, is-Sur Rigu Bovingdon li nzerta kien bi żjara f'Melbourne.

Il-programm beda bid-daqq u l-kant tal-Innu Malti u dak Awstraljan mill-Kor ta' St Bernadette, immexxi minn Dr Simone Cremona. Raymond Anastasi, Teżorier tal-Grupp, ta merħba lil kulħadd u stieden lill-President tal-Grupp, Dr Victor Sammut, biex jindirizza lil dawk preżenti.

Dr Sammut tkellem fuq il-Grupp u l-laqgħat tiegħu ta' kull xahar u ħeġġeġ lin-nies biex isiru membri. Tkellem fuq il-Folju tagħna u kemm jintlaqa' tajjeb saħansitra anke minn qarrejja f'Malta.

Wara dan, Paul Vella fakkar fl-erba' membri li tlifna — Joe Schembri, Edwin Baldacchino, Laurie Armato u dik il-ġimgħa stess, Joe Saliba. Inżammet minuta silenzju b'rispett ta' Joe Saliba u Paul qal li l-Viċi-President, is-Sur Gejtu Deguara kien tella' l-bandiera Maltija u dik Awstraljana mezz asta.

Paul qal ukoll li Joe kien jgħinu ħafna fil-qari tal-provi tal-Folju avolja qatt ma ried li jsemmieh. Issa dan ix-xogħol qed tagħmlu l-membru tagħna, Rose Lofaro, u rringrazzjaha ta' dan.

Imbagħad, Paul Vella semma' leħen Joe Saliba jaqra żewġ poeżiji tiegħu stess minn fuq CD, jisimhom "Qabel ma l-qabla" u "Quod scripsi scripsi".

Wara, Paul introduċa lis-Sur Rigu Bovingdon li qralna poeżija li kiteb b'tifkira ta' Joe Saliba. Imbagħad, Paul semma' żewġ poeżiji miktuba u moqrija minn Laurie Armato, "Warda Maltija" u "L-ilsien li bih twelidt".

Wara li smajna l-proża ta' Dr Victor Sammut, "Lil Malta Moderna", Manwel Cassar qralna "Tifkira ta' Ružar Briffa". Marie-Louise Anastasi qratilna żewġ poeżiji tagħha, "Ma, illum m'għadekx magħna" u "Twelid" u wara tatna poeżija oħra ta' Laurie Armato, "Lil Malta: Tifħir mill-bogħod", waqt li Ray Anastasi qralna kitba ta' Dr Clemente Zammit, "Sejħa mill-bogħod".

Wara intervent mużikali mill-Kor ta' St Bernadette, Albert Agius qralna poeżija tiegħu, "Tislima lil żewġ membri". "Il-Mejjet Ħaj" kienet novella qasira miktuba u moqrija minn Paul Vella. Rose Lofaro qratilna poeżija jisimha "Maħfra", ta' Nazzarene Zerafa, membru minn Queensland.



State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

Wara intervent mużikali ieħor sar interval ta' nofs siegħa fejn dawk preżenti kellhom ċans jieħdu kikkra te jew kafe` u ftit galletti-ni.

It-tieni parti bdiet b'mużika mill-kor fejn wara, Rose Lofaro qratilna poeżija oħra ta' Laurie Armato, "Parodija f'nofs il-lejl", imbagħad, smajna lil Maria Catania taqralna tagħrif fuq Karmenu Vassallo u żewġ poeżiji tiegħu, "Jien" u "L-Għanja ta' ħajti".

"Inżilt Malta" u "Issa", kienu żewġ poeżi-ji ta' Fr Dom DeGiorgio, moqrija minnu stess.

Wara intervent mużikali ieħor, smajna żewġ poeżiji ta' Fredu Cachia li qralna huwa stess, "L-Aħħar Tango" u "Is-Salib" li hija poeżija iddedikata lil Joe Saliba.

Manwel Cassar qralna tliet poeżiji tiegħu, "Il-Qabda", "Limitazzjoni", u "Sħab", u poeżija ta' Rużar Briffa jisimha "Lil Ommi" u wara smajna lil Frank Bonett jaqralna żewġ poeżiji ta' ħuh Joe, li kellu jitlaq ftit kmieni, "Dejjem noħlom" u "Lill-Ġenituri".

Michael Xuereb qralna żewġ poeżiji tiegħu, "Pittura" u "Ix-Xwejjaħ" waqt li l-aħħar qari sar minn Ġużi Camilleri, "Dejjem jaqbdu ma' xi ħadd".

Wara r-ringrazzjamenti li saru għal dawk kollha li ħadmu biex dan il-programm ikun is-suċċess li kien, lil Ray u Marie-Louise Anastasi li ħadu ħsieb jittajpjaw il-programm u lil Dr Clemente Zammit li għamel il-qari tal-provi, kif ukoll lil dawk li ħadu ħsieb il-kċina, Salvina Vella u Doris Sammut u lil dawk oħra li taw l-għajnuna tagħhom, il-Programm spiċċa bid-daqq ta' żewġ kanzunetti Maltin tal-Bartolo Sisters: "Kanta O Malta Kanta" u "Għajnejk Sbieħ".

Wara kulħadd mar fil-foyer fejn ġew servuti te u kafe`, pastizzi, *pies u sausage rolls,* kejkijiet u affarijiet oħra. Dħul għal dan il-Programm Mużiko-Letterarju kien b'xejn.


Dr Clemente Zammit


Albert Agius


Frank Bonett


Fr Dom DeGiorgio


Fredu Cachia


Joe Bonett


Paul Vella






Nazzarene Zerafa


Rose Lofaro


Michael Xuereb


Joe Saliba


Laurie Armato


Joe Camilleri

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Hu ppjanat li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria sejra tinżamm fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, 2013, fis-7.30 pm. Dak inhar issir elezzjoni għal kumitat ġdid. Kull membru jista' joħroġ għal xi pożizzjoni fuq il-kumitat jew jinnomina lil xi ħadd. Dawk li huma membri biss jistgħu jattendu għal din il-laqgħa u jivvutaw. Nisperaw li kulħadd jattendi.

# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Kif tafu, il-laqgħat tagħna issa qed jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Nisperaw li issa t-temp jerġa' jkun aħjar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 25 t'Ottubru, 2013** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu f'dawn il-laqgħat. Ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbieb biex jiġu u jsiru membri.

# MANWEL CASSAR JIRĊIEVI *AWARD* GĦAX-XOGĦOL TIEGĦU



Nhar is-Sibt, 31 t'Awwissu, l-Kunsill Malti tal-Victoria, organizza lejla fejn fiha kien hemm tliet attivitajiet. L-ewwel waħda kienet biex nagħtu l-aħħar tislima lis-Sur Charles Mifsud li temm il-kariga tiegħu bħala Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Victoria. Is-Sur Mifsud, barra li qeda dmiru bħala Konslu, ħa ħsieb li jorganizza ħafna affarijiet għall-benefiċċju tal-Komunita` Maltija tal-Victoria, li għalihom kienu attendew ħafna nies. Aħna nsellmu lis-Sur Mifsud u nixtiequlu l-vjaġġ it-tajjeb u kull suċċess fix-xogħol il-ġdid tiegħu meta jerġa' lura Malta. Fl-istess lejla saret l-għotja ta' *scholarship* lil tfajla Maltija biex tkun tista' tmur Malta u tara b'għajnejha u tmiss b'idejha dak kollu li hu Malti u minn fejn ġew il-ġenituri u n-nanniet tagħha. Fl-aħħarnett, ingħataw l-*awards* lil seba' persuni għax-xogħol tagħhom fil-komunita`. Fost dawn kien hemm il-membru tagħna, **Manwel Cassar**, li rċieva rikonoxximent għax-xogħol tiegħu fil-kultura u l-arti. F'isem il-kumitat u l-membri kollha tal-Grupp tagħna, aħna nifirħu lil Manwel għal din l-*award*. Fir-ritratt Manwel Cassar jidher jirċievi l-*award* mingħand il-President tal-MCCV, Prof. Maurice Cauchi.

# Reċensjoni: *Who is the Priest?*, **Traduzzjoni bl-Ingliż ta' Emanuel Micallef, Bonnici Press,Valletta,16pp.**

Iż-żagħżugħ, kittieb dilettant Emanuel Micallef wara li sena ilu ppubblika Il-Ħajja ta' Santa Elena issa għadu kemm stampa ktejjeb li jwieġeb għal l-isem ta' *Who is the Priest?* Din hija t-tieni edizzjoni bl-Ingliż ta' dan il-ktejjeb peress li l-ewwel edizzjoni ġiet stampata fl-2005. Oriġinarjament il-ktejjeb kien kitbu Rev. Antonio M. Alessi, qassis Taljan, bl-isem ta' *Prete Chi Sei?*, imbagħad fl-1965 inqaleb għall-Malti mill-kittieb u poeta Xewki, Anton Ħaber. Micallef iddedika dan il-ktejjeb lil Dun Rene' A. Cilia, saċerdot ħabib tiegħu li f'Novembru li għadda miet f'inċident tat-traffiku. Hemm ritratt tiegħu waqt li qiegħed iqaddes. Il-ġid li joħroġ minn dan il-ktejjeb imur ukoll b'suffraġju għal ruħu. Dan il-ktejjeb jiġbor fih ġawhra ta' tagħlim mill-isbaħ dwar il-kobor ta' din id-dinjita` saċerdotali. Is-saċerdot li jgħix bis-serjeta` il-vokazzjoni tiegħu għandu jkun *Alter Christus* ieħor. Intom saċerdoti ġejtu magħżula bħal Mose` biex tmexxu u tidderieġu l-Poplu t'Alla u ssejħu lin-nies għall-festa ċelesti l-quddiesa! Saċerdoti indukraw ruħkhom, tagħmlux bħal l-Appostli meta kienu reqdin fil-Ġnien tal-Ġetsemani u Ġuda l-Iskarjota kien imqajjem biex jagħti lil Ġesu' f'idejn il-qassisin il-kbar. Is-saċerdot huwa msejjaħ fost l-oħrajn biex jamministra s-seba' Sagramenti, il-Magħmudija, fejn tibda l-mixja tagħna fi ħdan il-Knisja, l-Griżma ta' l-Isqof fejn insiru Suldati ta' Kristu, il-Qrar fejn b'indiema nistqarru dnubietna lis-Saċerdot u d-dawl tal-grazzja jiddi fuqna u jtir iċ-ċpar tad-dnub. Imbagħad inkunu nistgħu nieħdu sehem waqt il-Quddiesa u waqt it-Tqarbin Imqaddes nitilgħu nirċievu lil Ġesu` Ewkaristija u nitlaqqmu bil-qawwa Divina Tiegħu. U meta taqa' fuqna n-nida tal-mewt u nifisna jibda jharħar huwa għandu jiġi msejjaħ biex jamministra l-Griżma tal-Morda. Sfortunatament mhux fil-parroċċi kollha ssib min ikun disponibbli biex imur jamministra dan is-sagrament meta jkun mitlub bil-lejl. L-Ordni Sagri huwa sagrament li jiġi amministrat mill-Isqof lil dawk id-Djakni li jkunu ser jirċievu l-ministeru tal-presbiterat, jiġifieri dak tas-Saċerdozju. Kellna u għad għandna diversi saċerdoti Maltin li għexu u għadhom jgħixu s-Saċerdozju bis-serjeta` fosthom il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, li għaraf ibewwes il-ħidma Saċerdotali ma' ħidmet il-letteratura Maltija. Uriena kif il-Malti m'huwiex ilsien inferjuri anzi meta l-kelma Maltija kienet tintagħġen sew fi ħsiebu u jagħtiha s-sura li tixirqilha, hija toħroġ tferfer mill-pinna tiegħu, u tgħaxxaq lill-qarrej. Insemmi wkoll lil San Ġorġ Preca, li qalbu kienet maħżen ta' tjubija Nisranija. Għalkemm ma riedx li ismu jibqa' jissemma, iż-żmien dammu, fi kwadru ħietu. Ħallielna monument perenni mhux tal-bronż imma ħaj li jwieġeb għal l-isem ta' M.U.S.E.U.M . Ħallilna wkoll xmara ta' kotba ta' spiritwalita` Nisranija. Kull Saċerdot huwa fid-dmir li jiddefendi ż-żwieġ Nisrani bejn raġel wieħed u mara waħda sa malmewt tifred. Is-Saċerdot għandu jkun preżenti u jgħinhom waqt il-problemi u d-dieqa tal-ħajja u dawn fl-obbligu li jaħsilhom b'pariri siewja u ferħ Nisrani. Niftakru wkoll fis-Saċerdoti missjunarji li ħallew kollox biex imorru jaqdu dmirhom fl-artijiet tal-Missjoni. Fl-aħħar tal-ktejjeb insibu novella b'tema missjunarja oriġinarjament miktuba mill-kittieb Qormi, l-Kav. Carmel Bianchi, li għammidha bl-isem ta' "Il-Ħamiem l-Abjad" u Micallef qalibha għal-lingwa Ingliża. Dawk il-persuni nteressati li jakkwistaw dan il-ktejjeb għandhom jiktbu lil Emanuel Micallef (Junior), 32, Corner Flats numru 1, Triq il-Kappadoċja, Ħal Qormi QRM 2803. Fl-*envelope* wieħed għandu jibgħat ħames bolol mhux użati ta' 0.26 ċenteżmi ta' l-Ewro *(dan għal Malta biss)*.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Ippermettili nirringrazzjak tal-folju, dejjem interessanti, tal-GLM tal-Victoria għax-xahar ta' Settembru, 2013. Dejjem fih aħbarijiet kontemporanji, letteratura ta' valur u avviżi importanti. Bis-saħħa tiegħek Paul, u ta' nies bħalek, Ilsienna qed ikompli jikber, jinxtered u jiġġedded f'pajjiż daqshekk kbir, bħal m'hu l-Awstralja. Bħalissa hemm għandkom wieħed mill-aqwa mħuħ Maltin u ħabib tiegħi, Mario Azzopardi. Lili għeni ħafna u nibqa' rikonoxxenti lejh dejjem. Grazzi Paul ukoll tal-aħbar tal-ġieħ mogħti lill-Prof. Oliver Friġġieri li bħal Azzopardi stabar bija kemm-il darba u nkuraġġieni tassew.

B'Imħabba, ***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Nerġa' nirringrazzjak tal-Folju. Prosit. Ma nafx tafx li f'Ġunju li għadda fil-Birgu l-Kunsill Lokali organizza serata f'ġieħ il-poeta Ġirbi t-Tabib Louis J. Buttigieg mill-Birgu f'għeluq il-50 sena minn mewtu. Issena l-oħra l-familja tiegħu ġabru l-poeżiji bl-Ingliż tiegħu u ppubblikawhom fi ktieb bit-titlu: "The Clock Tower", fejn jien ktibt introduzzjoni. F'dis-serata, fost oħrajn, jien għamilt diskors fuq il-poeżiji tiegħu. Ma nafx għandikx kopja kemm tal-poeżiji kif ukoll tad-diskors tiegħi. Qed nehmiżlek kemm il-qoxra ta' barra tal-ktieb kif ukoll ir-ritratt tat-tabib.

B'tislijiet. ***Karmenu Mallia***.

Sur Vella, Kien għalija ħasda kbira meta smajt bil-mewt tal-ħabib tagħna u poeta mill-aħjar JOE SALIBA. Lil Joe kont ili nafu mindu konna żgħażagħ għax it-tnejn kellna n-namra mal-muża tal-poeżija. Saliba kien kittieb tajjeb ħafna u forsi l-fama tiegħu ma xterdetx kif xerqilha minħabba li kien joqgħod daqstant bogħod minn Malta. Iżda min kien jaf xi jsarraf ix-xogħol tiegħu kien jagħtih qima bħala poeta mill-aqwa. Inkunlek wisq grat jekk jogħġbok twassal il-kondoljanzi tiegħi lill-għeżież li ħalla warajh. Jalla l-ispirtu tiegħu jsib is-serħan ta' dejjem fis-saltna tal-poeti immortali.

***Achille Mizzi***